PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2006/2138(INI)**

4.10.2006

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar : Ngħaddu għal veloċita superjuri - Introduzzjoni ta' sħubija ġdida għall-intrapriża u għat-tkabbir
(2006/2138(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Michel Rocard

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

A. billi l-proċess għas-simplifikar tar-regolamentazzjoni tqajjem problemi serji ta' korrezzjoni ġuridika, hemm bżonn ta' mekkaniżmi jew ta' proċeduri li jwasslu biex jawtentikaw din il-korrezzjoni,

1. jilqa' b'sodisfazzjoni il-miżuri li qed tieħu l-Kummissjoni li qed timmira li tintegra b'mod aktar komplet it-23 miljun ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) Ewropej u l-75 miljun impjegat tagħhom fl-Istrateġija ta' Liżbona biex ikun stimulat it-tkabbir u t-titjib tal-livell ta' l-impjieg;

2. jenfasizza l-fatt li s-simplifikar tar-regolamentazzjoni tikkostitwixxi objettiv essenzjali, iżda wieħed li huwa diffiċli biex jitwettaq u li, minħabba ċerti aspetti, dan is-simplifikar għandu, b'mod parzjali, affarijiet komuni mal-kodifikazzjoni. jisħaq li l-Kummissjoni tikkontribwixxi għas-simplifikar permezz ta' proposta dwar mekkaniżmu sempliċi li jwassal għall-awtentikazzjoni tal-korrezzjoni ġuridika tal-bidliet li jsiru fir-regolamentazzjoni Ewropea bil-għan li jkun hemm simplifikazzjoni, u li tissuġġerixxi lill-Istati Membri li jintroduċu, kull wieħed għal dak li jikkonċerna lilu, mekkaniżmu simili, li jkun għal kull wieħed minnhom inċentiv biex iwettqu dan il-muviment;

3. japprova l-proposti li jwasslu biex jiffaċilitaw it-twaqqif ta' impriżi ġodda u jnaqqsu id-dewmien u l-ispejjeż tal-ħolqien ta' dawn l-impriżi, filwaqt li jinnota li jekk it-tnaqqis tat-taxxa ma joħloqx diffikulta, il-kunċett ta' self b'interessi mnaqqsa ma jitqiesx awtomatikament mal-leġiżlazzjoni komunitarja, fejn din fil-fatt tfittex l-ugwaljanza fil-kundizzjonijiet tas-suq;

4. jenfasizza li l-problema ta' l-interessi ta' l-istaff ta' l-SMEs u tad-difiża tagħhom għandha tiġi meqjusa u jissuġġerixxi li l-ħatra ta' rappreżentant sindakali territorjali tikkostitwixxi risposta possibbli għal dan il-bżonn.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ngħaddu għal veloċita□ superjuri - Introduzzjoni ta' sħubija ġdida għall-intrapriża u għat-tkabbir |
| **Numru tal-proċedura** | 2006/2138(INI) |
| **Kumitat responsabbli** | ITRE |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta | JURI<br>15.6.2006 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta** | |
| **'Rapporteur' għal opinjoni:**<br>Data tal-ħatra | Michel Rocard<br>11.9.2006 |
| **'Rapporteur' għal opinjoni mibdul:** | |
| **Eżami fil-kumitat** | 3.10.2006 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 3.10.2006 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 13<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti waqt il-votazzjoni finali** | Maria Berger, Rosa Díez González, Bert Doorn, Giuseppe Gargani, Klaus-Heiner Lehne, Aloyzas Sakalas, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina |
| **Sostitut(i) preżent(i) waqt il-votazzjoni finali** | Eva Lichtenberger, Manuel Medina Ortega, Alexander Radwan, Michel Rocard, József Szájer |
| **Sostitut(i) (art. 178, par. 2) preżent(i) waqt il-votazzjoni finali** | |
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | ... |